MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 1130/2003

**Untours Insurance Agents Limited ghal Qatar Insurance Company surrogati fid-drittijiet ta' Carmel J. Jacono u l-istess Carmel J. Jacono**

**vs**

**Christos Grech**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Gunju 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' elf, mija u sebgha u ghoxrin lira Maltin u sebgha u sebghin centezmu (Lm1127.77) rapprezentanti danni kagunati f'incident stradali li sehh fit-13 ta' Janar 2003, f'Santa Lucija bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni ROB 582 propjeta' tal-attur u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LJU 001 misjuqa mill-konvenut.

Bl-ispejjes, inkluzi Lm11.50 ta’ konsult u dawk tal-ittra uffiicjali prezentata kontestwalment mal-Avviz ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta u bl-imghax mid-data tan-notifika tal-Avviz kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa illi l-allegazzjonijiet tas-socjeta’ attrici huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt u dan peress illi l-incident de quo gara b’torrt u bi htija tal-attur li kien ghaddej b’velocita’ eccessiva per di piu’ f’road junction u ma osservax il-Give Way Sign b’konsegwenza li baqa’ diehel fil-vettura tal-konvenut.
Salv eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Sema’ x-xhieda ta’ Roberto Jacono, tal-attur Carmel Jacono, tal-konvenut, ta’ Etienne Grech u ta’ Roberta Buttigieg. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Ra n-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenut u n-nota risponsiva tal-atturi.

Ikkunsidra:

Illi l-kaz jirrigwarda ncident stradali li sehh fit-13 ta’ Jannar 2003 ghal habta tal-10.15pm, fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa, Santa Lucija bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni ROB 582 misjuqa minn Roberto Jacono, propjeta’ tal-attur Carmel J. Jacono u assikurata taht polza tat-tip Compprehensive mas-socjeta’ attrici u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LJU 001 misjuqa mill-konvenut.

Roberto Jacono xehed li fid-data tal-incident huwa kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni ROB 582 fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa gej min-naha ta’ Hal-Luqa u sejjer fid-direzzjoni ta’ Rahal il-Gdid. Huwa jghid li waqaf fuq il-Give Way Sign, ra li ma kien gej hadd min-naha tal-lemin tieghu u ghalhekk hareg. Malli hareg giet il-vettura misjuqa mill-konvenut min-naha tax-xellug tieghu, u cioe’’ minn Triq Garibaldi, huwa ghafas il-brejk izda l-vettura tieghu tkaxkret ghal fuq il-vettura tal-konvenut u b’hekk sehh l-impatt. Jacono qal ukoll li kien qed izomm kemm

jista’ jkun mar-roundabout. Aktar tard fix-xhieda tieghu Jacono jammetti li huwa effettivament ma waqafx fuq il-Give Way Sign izda jsostni li kien naqqas il-velocita’ ghal madwar 20 kilometru fis-siegha. Huiwa spjega li ra l-vettura tal-konvenut l-ewwel darba malli kien ser jitlaq ir-roundabout biex jasal fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa u li meta rah hiereg mill-Give Way Sign il-konvenut kien madwar tul ta’ zewg vetturi l-boghod minnu. Jacono qal ukoll li jaqbel mal-posizzjoni tal-vetturi u l-hsarat fl-istess vetturi kif indikati fl-iskizz.

Il-konvenut xehed li dakinhar tal-incident huwa kien qed isuq il-vettura tieghu fi Triq Garibaldi, sejjer fid-direzzjoni ta’ Hal-Luqa. Malli wasal fit-tarf ta’ Triq Garibaldi, fejn hemm ir-roundabout ovali huwa waqaf fuq il-Give Way Sign peress li kien hemm vettura u mutur li kienu ser jghaddu quddiemu. Huwa hares fuq il-lemin tieghu u meta am ra li ma kien gej hadd minn dik id-direzzjoni, beda hiereg bil-moghod. Huwa kien fuq il-first gear u ried jaqbad it-telgha. Malli hareg ra il-vettura misjuqa mis-sewwieq assikurat mas-socjeta’ attrici u sehh l-impatt.. Il-konvenut spjega li l-hsara tieghu kienet fuq it-tyre tal-lemin tan-naha ta’ quddiem u tghawwiglu in-knuckle li jorbot it-tyre mas-suspension. Il-konvenut ma jaqbilx mal-iskizz tal-Pulijiza u esebixxa rough sketch maghmul minnu meta ntavola l-claim mal-assikurazzjoni tieghu (a fol. 19). Etienne Grech li kien frornt seat passenger mal-konvenut jikkonferma li huma waqfu fuq il-Give Way Sign u jghid li kien huwa li qal lill-konvenut johrog peress li ma kienux gejjin vetturi. Dan ix-xhud ikompli jghid li malli kienu ser jaqbdu r-roundabout ra dawl u sema’ brejk u ra l-vettura ta’ Jacono gejja ghal fuqhom minghajr ma waqfet fuq il-Give Way Sign. Bid-daqqa l-vettura taghhom spiccat thares lejn ix-xellug meta huma fil-fatt kienu sejrin fid-direzzjoni ta’ Hal-Luqa.

It-Tribunal ezamina bir-reqqa il-provi prodotti miz-zewg partijiet u huwa tal-fehma li mill-assjem ta’ dawn il-provi jirrizulta li z-zewg sewwieqa nvoluti f’dan l-incident huma t-tnejn responsabbli ghall-imsemmi ncident. Roberto Jacono huwa respponsabbli ghaliex ‘’ex admissis’’ jghid li ma waqafx fuq il-Give Way Sign u anki minhaba l-velocita’

li biha hareg minn fuq il-Give Way Sign. Huwa jsostni li kien qed iisuq b'velocita' ta' madwar 20 kilometru fil-siegha meta hareg izda wiehed difficilment jista' jemmen din il-verzjoni specjalment meta wiehed jikkunsidra l-brejk marks li halla Jacono u l-hsarat pjuttost estensivi riportati fil-vettura tieghu. Dawn iz-zewg fatturi appena citati jindikaw kjarament li Jacono hareg minn fuq il-Give Way Sign b'velocita' eccessiva ghac-cirkostanzi u ghall-lokalita' li kien jinstab fihom u ghalhekk malli huwa lemah il-vettura tal-konvenut ma kellux kontroll pjen tal-vettura tieghu u b'hekk ma setghax jieqaf. It-tul tal-brake marks li halla Roberto Jacono abbinati mat-thinking distance necessarja sabiex huwa ntebah bil-vettura tal-konvenut u l-mument li huwa beda jaghfas l-brejk jindikaw li huwa kien qed isuq b'velocita' ta' maadwar 60 kilometru fis-siegha u jindika ukoll li huwa bilfors li qabad u hareg minn fuq il-Give Way Sign b'din il-velocita' qabel ma qabad ir-roundabout.

Il-konvenut min-naha l-ohra ghandu wkoll jigi ritenut responsabbli ghaliex huwa wkoll jiidher li qabad u hareg minn fuq il-Give Way Sign li kien hemm fit-tarf tat-triq li kien hiereg minnha minghajr ma ezercita a proper looookout ghat-traffiku gej min-naha tal-lemin tieghu. Ghalkemm il-konvenut u l-passiggiera li kellu mieghu fil-vettura llkoll isostnu li huwa waqaf fuq il-Give Way Sign, il-posizzjoni tal-vettura tieghu kif riportata fuq l-iskizz u l-brake marks wara l-vetttura ta' Jaacono jindikaw li huwa effettivament qabad u hareg meta huwa seta' facilment jara l-vettura ta' Jacono gejja min-naha tal-lemin teighu kieku biss indenja ruhu jesplora t-triq adegwatament qabel ma hareg.

In vista ta'' dak kollu premess it-Tribunal huwa tal-fehma li z-zewg sewwieqa involuti fl-incident awtomobilistiku li jifforma l-mertu tal-kawza ghandhom jitqiesu responsabbli ghall-imsemmi incident fi kwoti ndaqs bejniethom (50-50).

Il-quantum tad-danni reklamati mill-atturi bl-ebda mod ma gie kontestat mill-konvenut u fi kwalunkwe kaz l-attturi esebew l-ircevuti u d-dokuemnti kollha relattivi ghad-danni minnhom pretizi liema danni jidher li huma perfettament

kompatibbli mad-dinamika ta’ kif sehh l-incident ‘de quo’. L-ammont globali mitlub mill-atturi jammonta ghas-somma ta’ elff mija u sebgha u ghoxrin lira Maltin u sebgha u sebghin centezmu (Lm1127.77) u in vista ta’ dak deciz fil-paragrafi precedenti in kwantu jirrigqwarda l-kwistjoni ta’ responsabilita’ il-konvenut ser jigi kkundannat ihallas lill-atturi nofs dan l-ammont, u cioe’ is-somma ta’ hames mija u tlieta u sittin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm563.88).

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici limitatament fiss-omma ta’ hames mija u tlieta u sittin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm563.88) u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi din is-somma ta’ hames mija u tlieta u sittin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm563.88), bl-imghax fuq dan l-ammont pagabbli mid-data tal-prezentaata tal-Avviz sal-hlas effettiiv.

L-ispejjes ta’ din l-sitanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-Avviz ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal nofs mill-atturi u nofs mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------